MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 159/1997/2

**Michelina xebba Said u Maria xebba Said**

***v.***

**Estelle Azzopardi**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza *in parte* mogħtija fis-27 ta' Jannar 2010 [“is-sentenza preliminari”] u minn sentenza finali mogħtija

fis-17 ta' Novembru 2010 ["is-sentenza finali"] mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali.

1. Il-kawża (li nstemgħet flimkien ma' kawża oħra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet Estelle Azzopardi *et v.* Mikelina Said *et*, ċitaz. 160/1997) hija dwar talba tal-atturi, kerrejja tal-fond fejn joqogħdu, biex jiksbu l-istess fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa taħt l-art. 12(4), (5) u (6) tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158]. Il-konvenuta kienet ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi dawk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 huma bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fonda-mentali. Fis-sentenza preliminari l-ewwel qorti laqgħet dik l-eċċezzjoni għax iddeċidiet illi, ladarba hemm sentenzi ta' qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali illi iddikjaraw illi dawk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tassew huma bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, mela dawk is-sentenzi għandhom seħħ *erga omnes* u f'din il-kawża wkoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 ma jistax ikollhom effett. Imbagħad, fis-sentenza finali l-qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi għax, kif deċiż fis-sentenza preliminari, ma setgħux jistrieħu fuq id-disposizzjonijiet ta' liġi invalida.

2. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza preliminari ġew imfissra hekk f'dik is-sentenza:

"Rat il-verbal tagħha tat-3 ta' Ġunju 2009 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum dwar il-kwistjoni jekk sentenza tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u li llum għaddiet in ġudikat, liema sentenza ddikjarat xi artikoli partikolari ta' wieħed mill-kapijiet tal-Liġijiet ta' Malta bħala nulli u bla effett peress illi jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hix applikabbli biss *inter partes* jew jekk l-effetti tagħha jestendux *erga omnes*, u għalhek anke għall-partijiet fil-kawża preżenti.

"... ... ...

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed ifittxu li jipperpetwaw koncess-joni enfitewtika għal disgħa u disgħin sena fuq l-art indikata fiċ-ċitazzjoni wara li din il-konċessjoni kienet intemmet, u dana a bażi tal-emendi introdotti fl-1979 għall-Kap. 158 li taw il-fakoltà liċ-ċenswalist f'każ ta' ċens temporanju għal iżjed minn tletin sena li jikkonverti dak iċ-ċens f'wieħed perpetwu f'għeluq il-perijodu taċ-ċens oriġinali. Il-konvenuta qed tirreżisti din it-talba għal diversi raġunijiet indikati fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha.

"Il-kawża baqgħet tiġi differita għal numru ta' snin pendenti l-eżitu ta' xi kawżi kostituzzjonali li kienu jirrigwardaw proprju l-punt jekk dawn l-emendi kinux imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk kontra l-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Fit-3 ta' Ottubru 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sede tagħha kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha fil-kawża Mario Testaferrata *et vs* Il-Prim'Ministru *et* proprju fuq din il-kwistjoni u ddikjarat illi l-artikoli 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta huma nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet findamentali tal-bniedem skond l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ġie dikjarat deżert fis-16 ta' Ottubru 2006 u għalhekk kif ikkonfermat l-istess qorti "… is-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2000 għaddiet in ġudikat".

"Il-konvenuta fil-kawża preżenti qiegħda għalhekk issostni li ġaladarba din is-sentenza għaddiet in ġudikat u l-istess artikoli tal-liġi li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjoni tagħhom l-atturi issa ġew dikjarati nulli u bla effett fil-kawża ċċitata, huma ma jistgħux jibqgħu jinsistu li għandhom dritt għal titolu bbażat fuq dawn l-istess artikoli tal-liġi. L-atturi da parti tagħhom jinsistu illi, bħal ma ġie diversi drabi kkonfermat mill-qrati tagħna, anke a bażi ta' dak li jistipula l-artikolu 237 tal-Kap. 12, sentenza qatt ma tista' tagħmel ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża.

"Il-qrati tagħna ġà kellhom opportunità jittrattaw kwistjoni simili fil-kawża Paola *sive* Pawlina Vassallo *vs* Marija Dalli, f'sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2008, fuq eċċezzjoni tar-rikorrenti għal kontro-talba tal-intimata fis-sens illi:

> ""… l-artikoli tal-liġi illi fuqhom tistrieħ u hija dipendenti t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta (u *cioè* l-artikolu 12(4) u 12(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) ġew dikjarati nulli u bla effett mill-Qorti Kostituzzjonali bis-saħħa tas-sentenza tagħha tat-3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet Mario Galea Testaferrata *et versus* Il-Prim Ministru *et*, deżerta fl-appell fis-16 ta' Ottubru 2006 u, kwindi l-ebda (waħda) mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta m'għandhom jintlaqgħu minn din il-qorti".

"F'dik is-sentenza l-qorti, wara li tat spjegazzjoni dettaljata għall-motivi tagħha, laqgħet din l-eċċezzjoni, wara li kkonkludiet illi:

> ""... … … din il-qorti tħoss li la darba tali disposizzjonijiet tal-liġi ċitati mill-konvenuta ġew dikjarati nulli u bla effett u dan għaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza għaddiet in ġudikat, *in vista* tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni din il-qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess liġi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-liġi skond l-istess artikolu għandha tiġi kkonsidrata bħala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu leġislattiv jiħux il-passi sabiex ineħħi l-istess liġi jew jevita tali ksur. Dan qed jingħad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kap. 12 fuq ċitat li ġie applikat ukoll mill-onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawża ċitata marret deżerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-deċiżjoni għaddiet in ġudikat. Fil-verità dan kollu juri li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ogħla liġi fil-pajjiż u l-artikoli ċitati huma konferma tal-istess. Din il-qorti bir-rispett tħoss li hija doveruża għaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tiġi segwita l-istess Kostituzzjoni u wkoll għaliex tħoss li ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn liġi tiġi ddikjarata nulla għaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuni, u min-naħa l-oħra jkun hemm deċiżjoni fejn tapplika l-istess liġi għall-persuni oħra – u dan iktar u iktar fejn il-liġi għandha tkun l-istess u applikabbli għal kulħadd u dan in omaġġ ukoll għar-*rule of law.* Dan iktar u iktar meta liġi tiġi ddikjarata mill-qorti fil-kompetenza tagħha kostituzzjonalli bħala nulla u bla effett u allura l-istess liġi ma tistax, minħabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjoni, ma tibqax [*recte*, ma tistax ... tibqa'] iżjed applikabbli u dan *erga omnes.* L-argument l-ieħor joħloq liġi għal xi persuni u liġi oħra għal persuni oħra – ħaġa li *mill-punto di vista* legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas għandha tiġi kkunsidrata għaliex toħloq inċertezza u inġustizzja manifesta …"

"Din il-qorti, kif ippreseduta, taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament u, a skans ta' ripettizzjonjiet inutili, tagħmel referenza sħiħa għal dak kollu li ngħad mill-Prim'Awla fis-sentenza li għadha kemm ġiet ikkwotata.

"... ... ...

"Fl-aħħarnett lanqas ma għandhom raġun l-atturi li jsostnu illi l-kwistjoni preżenti setgħet tiġi deċiża biss b'referenza għall-Prim'Awla sede kostituzzjonali, u dan għaliex din il-qorti ma ntalbitx tiddeċiedi dwar il-kostituzzjonalità *o meno* ta' xi liġi, imma biss dwar il-punt jekk deċiżjoni ta' qorti li ddikjarat nulla liġi partikolari u li għaddiet in ġudikat kellhiex tapplika *erga omnes*, ħaġa li ġà għamlitha l-Prim'Awla, fis-sede ordinarja tagħha, fil-kawża <u>Vassallo *vs* Dalli</u> li fuqha qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha fil-kawża preżenti din il-qorti. Barra minn hekk kienu l-istess atturi li, permezz tal-verbal tat-3 ta' Ġunju 2009, qablu li tingħata din is-sentenza *in parte*, "però dan ikun mingħajr preġudizzju għall-fakoltà tal-partijiet li jippreżentaw il-provi tagħhom rigward il-mertu tal-każ fl-istadju ulterjuri"."

3. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> "... tiddikjara illi s-sentenza tal-Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru 2000 fil-kawża Mario Galea Testaferrata *vs* Il-Prim Ministru *et* (citaz. nru. 348/91 RCP) li ddikjarat nulli u bla effett l-artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158, għandha tapplika mhux *inter partes* biss imma *erga omnes* u għalhekk għall-każ in eżami wkoll, dejjem safejn għad jirriżulta li, fil-każ preżenti, l-atturi qegħdin jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom unikament fuq dawn l-artikoli tal-liġi, ħaġa li għal issa din il-qorti għadha ma ġietx mitluba tiddeċiedi.
>
> "L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali."

4. Fis-sentenza finali mbagħad l-ewwel qorti irraġunat u iddeċidiet hekk:

> "Mill-provi li ġew prodotti f'din il-kawża, jidher illi l-atturi bħala ċittadini maltin u bħala l-persuni li kienu qed jokkupaw il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni bħala r-residenza ordinarja tagħhom fid-data li fiha skadiet l-enfitewsi ta' disgħa u disgħin (99) sena konċessa fuq l-art magħrufa bħala *il-Qortin ta' San Blas ossia il-Qortin tan-Nadur*, fin-Nadur, Għawdex, li fuqha sussegwentement inbena l-istess fond, qed jippretendu li għandhom jitħallew jokkupaw l-istess fond, b'titolu issa ta' ċens perpetwu, b'żjieda fir-rata ta' ċens annwu pagabbli, proprju bis-saħħa tal-emendi għal-liġi tad-*decontrol* … … .... Huma għalhekk talbu lil din il-qorti sabiex tordna lill-konvenuta sabiex tersaq għall-kuntratt pubbliku opportun sabiex issir din il-konverżjoni taċ-ċens minn wieħed temporanju għal wieħed perpetwu.
>
> "Imma kif ġie deċiż fis-sentenza preliminari tagħha hawn fuq indikata tas-27 ta' Jannar 2010, ġaladarba d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali, f'sentenza li għaddiet in ġudikat, fil-kawża Mario Galea Testaferrata *vs* Il-Prim'Ministru *et* … … ..., li ddikjarat l-artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, li ddaħħal fil-liġi tad-*decontrol* bl-emendi tal-elf disa' mija disgħa u sebgħin (1979), null u bla effett, hija applikabbli *erga omnes* u mhux biss *inter partes*, l-atturi preżenti ma jistgħux issa jinvokaw l-istess artikolu tal-liġi a favur tagħhom fi sforz li iċ-ċens temporanju li kienu jgawdu fuq il-fond indikat fiċ-ċitazjoni jiġi pperpetwat a tenur tal-istess artikolu tal-liġi.
>
> "Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, sew ta' din is-sentenza kif ukoll dawk tas-sentenza preliminari tas-27 ta' Jannar 2010, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jibqgħu bla taxxa."

5. L-atturi appellaw minn dawn iż-żewġ sentenzi b'rikors tas-6 ta' Diċembru 2010 u l-konvenuta wieġbet fit-3 ta' Frar 2011. Nibdew bl-aggravji tal-atturi dwar is-sentenza preliminari. L-aggravji huma dawn:

6. is-sentenza *in re* li Mario Galea Testaferrata *v.* Il-Prim'Ministru *et* li fuqha straħet l-ewwel qorti ma tistax titqies li hija definittiva għax qiegħda tiġi impunjata fi proċeduri oħra;

7. l-ewwel qorti iddeċidiet ħażin meta qalet illi s-sentenza fuq imsemmija għandha effett *erga omnes*, ukoll fuq il-partijiet fil-kawża tallum;

8. l-ewwel qorti xejn ma qieset il-ġurisprudenza, ċitata mill-atturi appellanti, li tgħid illi sentenza tagħmel stat biss bejn il-partijiet fil-kawża;

9. l-ewwel qorti qagħdet fuq is-sentenza fl-ismijiet Paola *sive* Pawlina Vassallo *v.* Marija Dalli, mogħtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Ottubru 2008 bla ma qieset illi dik is-sentenza ngħatat mill-istess imħallef li kien ta s-sentenza fil-każ ta' Mario Galea Testaferrata u għalhekk, effettivament, kellu interess illi din l-aħħar sentenza titqies li ħolqot preċedent;

10. l-ewwel qorti wkoll naqset milli tqis sentenzi oħra mogħtija wara s-sentenza ta' Mario Galea Testaferrata li qalu li dik is-sentenza kellha effett biss *inter partes*.

11. Essenzjalment l-aggravju ewlieni huwa t-tieni wieħed – illi s-sentenzi dwar liġijiet li jiksru d-drittijiet fondamentali jorbtu biss *inter partes* u mhux *erga omnes* – u l-aggravji l-oħra huma biss sekondarji.

12. Il-kwistjoni ewlenija mela hija din: sentenzi li jgħidu li liġi ordinarja tikser dritt fondamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni għandhom effett biss *inter partes* jew *erga omnes*? L-atturi jgħidu illi l-effett huwa biss *inter partes* għax hekk igħid l-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; il-konvenuti jgħidu illi l-effett huwa *erga omnes* għax il-liġi għandha tkun l-istess għal kulħadd: ma għandux ikun illi tiswa għal wieħed u ma tiswiex għall-ieħor.

13. Il-qorti tibda biex tgħid illi l-fatt illi l-kawża tkun dwar drittijiet fondamentali ma jfissirx illi l-liġijiet tal-proċedura ma jibqgħux jiswew. Il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fondamentali titbiegħed minn dik li tirregola kawżi ċivili normali fil-każijiet biss li tgħid hekk il-liġi, bħal fil-każ tar-regg. 2 sa 7 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni [L.S. 12.09]. Fil-fatt ir-reg. 7 ta' dawk ir-Regoli jgħid espressament illi:

> "**7.** Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili … … … u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali … … ..."

14. Għalhekk ma hijiex eskluża l-applikazzjoni tal-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> "**237.** Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza."

15. Huwa relevanti wkoll dak li jgħid l-art. 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> "**242.** (1) Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li xi strument li jkollu l-forza ta' liġi f'Malta jew xi disposizzjoni tiegħu tmur kontra xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew li tkun *ultra vires*, ir-reġistratur għandu jibgħat kopja tal-imsemmija sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.
>
> "(2) Meta jkun hemm sentenza bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1), il-Prim'Ministru jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat u sakemm ikun meħtieġ fil-fehma tiegħu jneħħi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew mad-dritt jew libertà fundamentali tal-individwu rilevanti stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont ma jkun ġie dikjarat f'dik is-sentenza, jagħmel regolamenti li jkunu jħassru l-istrument jew id-disposizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kif imsemmi fis-subartikolu (1)."

16. Li kieku liġi li tinsab li tikser dritt fondamentali ssir invalida *erga omnes* bis-saħħa tas-sentenza li tiddikjara dak il-ksur, kienet tkun superfluwa s-setgħa tal-Prim'Ministru taħt l-art. 242(2).

17. Jistgħu l-atturi joġġezzjonaw illi d-disposizzjonijiet tal-liġi msemmija fuq huma kollha disposizzjonijiet ta' liġi ordinarja u għalhekk ma jiswewx safejn ma humiex konformi ma' dak li jgħid u trid il-Kostituzzjoni. Il-qorti iżda hija tal-fehma illi mkien il-Kostituzzjoni ma tiddisponi b'mod illi jikkonfliġġi mad-disposizzjonijiet fuq imsemmija; anzi, tgħid illi dawk id-dispożizzjonijiet huma għal kollox konformi ma' dak li tgħid u trid il-Kostituzzjoni.

18. Il-qorti tibda billi tiċċita l-art. 6 tal-Kostituzzjoni, li huwa l-artikolu l-aktar invokat favur it-teżi tal-effett *erga omnes*:

> "**6.** … … ... jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."

19. Dan l-artikolu ma jgħidx, kif tgħid is-sentenza appellata, illi l-liġi inkonsistenti tkun "nulla u bla effett", iżda biss illi tkun "bla effett", naturalment fejn tinsab l-inkonsistenza. Titħalla miftuħa l-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' effett huwiex *inter partes* jew *erga omnes*. Dak li, fil-fehma ta' din il-qorti, huwa determinanti għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-art. 116 tal-Kostituzzjoni:

> "**116.** Dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni[1] tkun tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni u persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha."

20. Ħlief għal azzjonijiet dwar drittijiet fondamentali, ma huwiex meħtieġ illi attur f'azzjoni dwar invalidità ta' liġi – *actio popularis* – juri interess ġuridiku fl-azzjoni; *a contrario sensu*, dak l-interess huwa meħtieġ f'azzjonijiet dwar drittijiet fondamentali bħal ma huwa meħteġ fl-azzjonijiet ċivili kollha. Il-kawża <u>Mario Galea Testaferrata *et v.* Il-Prim'Ministru *et*</u> ma kinitx *actio popularis* dwar il-validità ta' liġi taħt l-art. 116 iżda azzjoni dwar drittijiet fondamentali, u għalhekk kien meħtieġ illi l-attur f'dik il-kawża juri interess persunali. Konsegwenza ta' dan – billi l-qorti ma tistax tagħti *extra* jew *ultra petita* – hija illi r-rimedju li setgħet tagħti l-qorti kellu jkun arġinat fil-limiti tal-interess, għax l-interess huwa l-kejl tal-azzjoni u tar-rimedju. L-interess tal-attur

[1] L-artt. 33 sa 45 huma d-disposizzjonijiet dwar drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu.

f'kawżi bħal dawn huwa li jingħata rimedju għall-ilment tiegħu u mhux illi l-liġi tiġi mħassra *erga omnes* għax l-attur ma jkollux interess legali fil-kontroversji ta' ħaddieħor. Għalhekk l-iżjed li tkun tista' tgħid il-qorti f'kawża bħal dik hu illi l-liġi għandha tkun bla effett fil-każ partikolari li jkollha quddiemha u mhux fil-każijiet kollha[2].

21. Aktar minn hekk, hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-art. 46(1) id-dritt ta' azzjoni tagħtih lil "kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qiegħda tiġi jew tkun x'aktarx sejra tiġi miksura *dwarha*[3]". Għalhekk, ir-rimedju li tista' tagħti l-qorti jista' biss ikun indirizzat lil dik il-persuna li d-dritt tagħha jkun inkiser, qiegħed jinkiser jew x'aktarx sejjer jinkiser, u ma jistax ikun indirizzat *erga omnes*. Ir-rimedju ma jkunx għalhekk illi titħassar il-liġi impunjata iżda li jiġi dikjarat illi dik il-liġi "tkun bla effett" safejn tolqot id-drittijiet tal-persuna li tressaq l-azzjoni, u mhux ta' kull persuna oħra.

22. Dan ma jfissirx illi l-qorti ma tapprezzax l-argumenti miġjuba favur it-teżi opposta fit-tweġiba tal-konvenuta u fis-sentenzi hemm ċitati, partikolarment illi ma għandux ikun illi liġi ma tkunx tiswa għal Tizju iżda tiswa għal Sempronju. Dan l-argument ġie elaborat hekk fis-sentenza ta' <u>Paola Vassallo</u>:

> "... … … f'dan il-każ hemm disposizzjonijiet tal-liġi li ġew iddikjarati bħala nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan bis-sentenza fuq riferita fl-ismijiet <u>Mario Galea Testaferata *et vs* il-Prim Ministru *et*</u> … … ... u din il-Qorti thoss li konsistentement ma' dak li jinghad fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, meta l-

[2] Ara <u>*H. Vassallo & Sons Limited v.* Avukat Ġenerali *et*</u>, Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

[3] Enfasi miżjud.

> qorti ssib li xi liġi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mħares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-liġi tibqa' titħaddem jew jingħataw bis-saħħa tagħha rimedji li xi parti f'kawża, bla ma l-qorti nnifisha tkun qiegħda, bit-tħaddim ta' dik l-istess liġi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni. … … …
>
> "Illi din il-qorti tħoss li la darba tali dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati mill-konvenuta ġew dikjarati nulli u bla effett u dan għaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza għaddiet in ġudikat, *in vista* tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni din il-qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess liġi hija inkonsistenti ma' dan, dik il-liġi skond l-istess artikolu għandha tiġi kkonsidrata bħala nulla u bla effett."

23. Is-soluzzjoni iżda ma hijiex illi tinsa għal kollox il-liġijiet u l-prinċipji elementari tal-proċedura u toħloq regoli ġodda arbitrarji mingħajr pedament leġislativ. Għalkemm is-sentenzi ma għandhomx seħħ *erga omnes*, u l-qrati ma humiex marbutin bir-regola *stare decisis*, dan ma jfissirx illi l-*auctoritas rerum similiter iudicatarum* għandha tintesa. Għalkemm il-konflitti fil-ġurisprudenza huma inevitabbli – u xi drabi huma wkoll ta' ġid għax jipprovokaw djalogu u xi drabi jkun ukoll meħtieġ illi jkunu eżaminati *ex novo* posizzjonijiet stabiliti li tkun intesiet ir-*ratio* warajhom – madankollu dawn il-konflitti jkunu evitati u ċ-ċertezza tad-dritt tkun imħarsa jekk ikun hemm konsistenza fis-sentenzi. F'sitwazzjonijiet fejn il-fatturi determinanti jixxiebħu jew huma identiċi, id-deċiżjoni għandha tkun l-istess, mhux għax qorti hija marbuta b'dak li tgħid qorti oħra iżda għax lill-istess mistoqsija għandha tingħata l-istess tweġiba.

24. U lanqas ma hu minnu dak li jingħad fis-sentenza ta' <u>Paola Vassallo</u> illi jekk il-qorti ma tħaddanx it-teżi tal-effett *erga omnes* tkun qiegħda "tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni" għax jekk qorti ssib – jekk

ikun hekk meħtieġ, wara referenza kif trid il-liġi tal-proċedura – illi t-tħaddim ta' liġi ordinarja jikser xi dritt fondamentali, ma jkun hemm xejn xi jżomm lil dik il-qorti milli hi wkoll ma tagħtix effett lil dik il-liġi, u dan tagħmlu għax mod ieħor ikun hemm dak il-ksur ta' dritt, u mhux għax qorti oħra tkun sabet ksur f'kawża oħra bejn partijiet oħra.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell mis-sentenza preliminari u tħassar dik is-sentenza.

26. L-atturi appellaw ukoll mis-sentenza finali. L-aggravju ewlieni huwa illi, minkejja s-sentenza ta' Mario Galea Testaferrata, id-disposizzjonijiet tal-art. 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 għadhom fis-seħħ u l-ewwel qorti ma setgħetx ma tqishomx. Għalhekk, l-ewwel qorti żbaljat meta "hija ibbażat id-deċiżjoni fuq dak determinat fis-sentenza *in parte*".

27. Naturalment, safejn is-sentenza finali hija motivata fuq il-konsider-azzjoni illi dak deċiż fis-sentenza ta' Mario Galea Testaferrata għandu jingħata effett *erga omnes*, is-sentenza finali hija żbaljata u għandha titħassar. Dan iżda ma jfissirx bilfors illi d-deċiżjoni – iċ-ċaħda tat-talbiet tal-atturi – hija wkoll ħażina, u għalhekk it-tħassir tas-sentenza huwa bla ħsara għat-talbiet u għall-eċċezzjonijiet. Biex naraw jekk dik id-deċiżjoni hijiex tajba jew ħażina jeħtieġ illi nqisu l-meritu tat-talbiet.

28. Il-fatti relevanti huma dawn: il-fond li fih joqogħdu l-atturi, li huma ċittadini ta' Malta, kien mikri lilhom mill-utilista tal-istess fond, li kellu titolu ta' enfitewsi ta' disgħa u disgħin sena b'seħħ mill-15 ta' Awissu

1896, b'ċens ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu ta' lira ta' Malta (Lm0.25) – illum daqs tmienja u ħamsin euroċenteżmu (€0.58) – fis-sena. F'dawk iċ-ċirkostanzi l-utilista kellu l-jedd, taħt l-art. 12(4) tal-Kap. 158, illi jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa b'ċens ta' sitt darbiet daqs dak oriġinali, *i.e.* lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1.50) jew tliet euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) fis-sena, rivedibbli kull ħmistax-il sena fis-sens li jiżdied bi proporzjon maż-żjieda fil-għoli tal-ħajja sakemm ma jaqbiżx id-doppju ta' li kien qabel. Fi żmien sena minn kull reviżjoni l-utilista jkollu l-jedd illi jifdi ċ-ċens – *i.e.* illi jikseb ukoll id-dirett dominju u għalhekk il-proprjetà sħiħa tal-fond – billi jikkapitalizzah bir-rata applikabbli.

29. Meta għalaq iċ-ċens fil-15 t'Awissu 1995 l-utilista ma nqediex bil-jedd tiegħu taħt l-art. 12(4) fi żmien sitt xhur, u għalhekk il-jedd għadda, taħt l-art. 12(5), għand l-atturi bħala dawk li kienu jokkupaw il-fond, u l-atturi fittxew illi jinqdew b'dak il-jedd billi fetħu l-kawża tallum. Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi d-disposizzjonijiet tal-art. 12(4) u (5) jiksru d-dritt fondamentali tagħha, presumibilment għall-ħarsien tat-tgawdija tal-proprjetà taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"].

30. Din iżda hija kwistjoni li ma għandhiex kompetenza tiddeċidiha l-ewwel qorti jew ukoll din il-qorti, iżda trid tiġi deċiża minn qorti ta' kompetenza kostituzzjonali wara referenza kif trid il-liġi. Il-qorti għalhekk sejra tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din, wara li tisma x-xiehda

relevanti għall-kwistjoni – fosthom xiehda dwar kemm jiswa l-fond – tagħmel referenza lill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali u tiddeċiedi l-meritu wara li tkun irċeviet it-tweġiba.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-appell:

i. tilqa' l-appell mis-sentenza preliminari u għalhekk tħassar dik is-sentenza u tgħid illi d-deċiżjoni fil-kawża Mario Galea Testaferrata *et v.* Il-Prim'Ministru *et* (rik. kost. 348/1991) ma torbotx lill-partijiet fil-kawża tallum;

ii. tħassar ukoll is-sentenza finali bla ħsara għall-meritu tat-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din tagħmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha dwar jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, l-art. 12(4) u (5) tal-Kap. 158 jiksrux dritt fondamentali tal-konvenuta, u tiddeċiedi fuq il-meritu wara li tirċievi t-tweġiba;

iii. tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ sentenzi, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------